ĦARĠA NUMRU 1 - XITWA 2014

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITIJIET TAL-ANNIMALI




10 Il-Ponsjetta u l-Milied

05 Garanzija ta' prodott ta' kwalità

13 Jissewwew 700 kelb u qattus tat-triq

# Editorjal

Għeżież Qarrejja,

L-ewwel nett nibda biex nilqagħkom magħna għall-ewwel publikazzjoni ta' dan il-magażin Nisġet Artna. Dan il-fuljett ser jibda joħroġ kull staġun. Magażin informattiv u b'dehra ġdida. Ninsab ċerta li jintlaqa' tajjeb minnkom il-qarrejja għax fih għażla ta' artikli li għandhom jolqtu l-gosti ta' ħafna. Huwa mezz ta' kif inwasslu informazzjoni utli u nibqgħu f'kuntatt mal-oqsma kollha tas-settur li jagħmlu parti mill-Biedja, Sajd u Drittjiet tal-Annimali, avviżi, informazzjoni oħra utli li għandha x'taqsam ma' dan is-suġġett, kif ukoll xi riċetta ma tonqosx!

Nittama li ssibu dan il-fuljett ta' interess u tieħdu gost taqrawh daqs kemm ħadna gost aħna biex ippreparajnieh. Kif ukoll inħeġġiġkom biex tagħmlu kuntatt magħna biex tgħaddulna s-suġġerimenti tagħkom dwar xi suġġetti li tixtiequ li nitkellmu fuqhom f'dan il-fuljett.

Minn qalbi nixtieq nawgura lilkom u l-familji tagħkom Milied hieni kif ukoll l-isbaħ xewqat għal sena ġdida mimlija hena, risq u saħħa.

**Ramona Borg**

NISĠET ARTNA

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Dritijiet tal-Annimali

**Taqsima Festi Rurali**
Ċentru Ta' Riċerka u Żvilupp
L-Għammieri, Triq l-Ingiered
il-Marsa MRS 3303

**Uffiċċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi**
James J. Piscopo
**Editur**
Ramona Borg - MSDEC
**Assistent Editorjali**
Alden Grima - MSDEC
**Qari tal-provi**
Marcelle Agius – MSDEC
**Stampar**

5IVESTAR
PRINTING SERVICES

# Werrej

03 Il-Messaġġ tal-Onor. Roderick Galdes

04 Marka ta' Kwalità

05 Is-sitwazzjoni tat-tonn u ż-żieda fil-kwota

06 Iż-żabra tad-dwieli għall-inbid

07 Ir-Riħan

08 L-irkotta

10 Il-ponsjetta u l-Milied

11 Riċetta: Qagħaq tal-Għasel

12 Ir-responsabbiltajiet ta' meta jkollok annimal domestiku

13 *Neutering* ta' 700 kelb

14 L-almanakk tal-ġardinar

15 Il-Pitirross

16 Farm visit Jum Dinji tal-Ikel 2014



# Il-Ħidma Tissokta'

## Il-Messaġġ tal-Onor. Roderick Galdes



**Roderick Galdes**
Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Wara nuqqas ta' aktar minn sentejn, f'idejkom għandkom ħarġa oħra ta' dak li qabel kien il-magażin 'Biedja u Sajd'. Inħoss li din il-publikazzjoni għandha toħroġ b'mod regolari minħabba li dan il-magażin jista' jservi bħala mezz ta' kuntatt mal-komunità agrarja. Minbarra dan, se tkun mezz ta' kif inwasslu informazzjoni relatata mas-settur rurali lill-pubbliku ta' kull età.

Dan il-magażin se jibda jinkludi fih diversi artikli informattivi u edukattivi, u oħrajn relatati mal-ħajja rurali Maltija. Se jinkludi wkoll avviżi li minn żmien għal żmien ikunu jixtiequ jwasslu d-dipartimenti kollha li jaqgħu taħt is-Segretarjat tiegħi.

Id-dekasteri li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tiegħi huma vasti; mis-settur agrikolu u dak tas-sajd, sad-drittijiet tal-annimali, huma kollha oqsma impenjattivi li jeħtieġu attenzjoni partikolari biex inkabbru l-potenzjal ta' kull settur filwaqt li nilqgħu għall-isfidi li jistgħu jinqalgħu.

Għas-settur tas-sajd, għaddejjin b'ħidma kontinwa biex inkabbru l-investiment f'dan il-qasam u nsaħħu d-dipartimenti konċernati. Fis-settur agrikolu għadna kif nedejna diversi miżuri biex nissalvagwardjaw il-livell għoli tal-prodott Malti fosthom is-sistema tal-marka ta' kwalità, li se tibda tiddistingwi l-prodott Malti li hu ta' kwalità għolja. Dwar il-ħarsien tal-annimali, għadna kif appuntajna l-ewwel Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Din hi biss parti żgħira mill-ħidma li għaddejjin biha bħalissa. Wara li preżentajna l-baġit fil-ġranet li għaddew, il-gvern hu kommess li jippremja l-bżulija tal-familji Maltin u jinkoraġġixxi aktar tkabbir ekonomiku. Fl-aħħar mill-aħħar dan se jħalli aktar flus fil-but tiegħek, aktar ħolqien ta' xogħol u ġid u inqas qgħad.

Filwaqt li nselli għalikom, nispera li din il-ħarġa sservi ta' użu għalikom.


# Irriklama fuq dan il-magażin

**IKKUNTATTJANA FUQ**
**Tel:** 2292 4110 • **Email:** nisgetartna.msdec@gov.mt
**www.agric.gov.mt**

NISĠET ARTNA




# Garanzija ta' prodott ta' kwalità

## Titnieda l-Marka ta' Kwalità għall-prodotti agrikoli lokali - wegħda oħra mwettqa mill-programm elettorali tal-Gvern, li se tippremja l-prodotti ġenwini Maltin

Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes illum nieda l-iskema tal-Marka ta' Kwalità għall-prodotti agrikoli lokali.

Din il-Marka ta' Kwalità – li se tkun qed titpoġġa fuq prodotti li jilħqu ċertu livell – se tkun garanzija li l-prodott li qed jinxtara mhux biss jilħaq l-istandards minimi Ewropej, iżda fih ukoll ċertu kwalitajiet li jmorru lil hinn mil-mod kif ġie kkultivat/imrobbi, imwassal u ppakkjat, bil-garanziji ta' proċess awditjat u ċċertifikat b'mod indipendenti.

Is-Segretarju Parlamentari spjega kif din mhux se tkun sempliċiment tikketta li titwaħħal ma' kwalunkwe prodott, iżda sservi wkoll ta' protezzjoni għall-prodotti u produtturi ġenwini.

L-Onorevoli Galdes irrimarka kif b'din l-iskema, mill-għalqa sal-mejda l-prodott se jkun traċċabbli u l-proċess trasparenti. Hu qal li kien ilu jinħass il-bżonn biex bħal pajjiżi oħra, Malta jkollha sistema u prodotti lokali li jaqgħu taħt il-qafas magħruf u sostnut mill-Unjoni Ewropea. Din hi wegħda oħra mwettqa mill-programm elettorali tal-Gvern.

Hu spjega li diġà tnieda proċess ta' konsultazzjoni dwar l-istandards ta' kwalità ma' diversi raħħala u bdiewa f'diversi setturi, b'mod partikolari l-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, tadam tal-ipproċessar, laħam tal-fenek, għasel, laħam tal-majjal, ħalib u prodotti tal-ħalib tal-baqar, ħalib u prodotti tal-ħalib tan-nagħaġ u mogħoż, frott u ħaxix frisk, u bajd u laħam tat-tiġieġ. Madankollu din il-lista mhux esklussiva u għaldaqstant aktar setturi u prodotti jistgħu jiġu inklużi fil-futur.

Il-logo ntgħażel wara kompetizzjoni b'madwar 100 sottomissjoni minn tim ta' tliet esperti fil-qasam tal-marketing u l-komunikazzjoni li b'mod indipendenti għażlu r-rebbieħ. Eventwalment il-logo magħżul ġie emendat skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-esperti.

**James J. Piscopo**
Uffiċċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi



# Is-sitwazzjoni tat-tonn u ż-żieda fil-kwota

**Il-ħażniet tat-tonn selvaġġ kienu f'sitwazzjoni kritika u jitqiesu li jkunu ferm aktar mistgħada. Dan l-istokk huwa mmexxi fil-livell internazzjonali mill-ICCAT (il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku) li fihom Malta pparteċipat b'mod attiv direttament mill-1999 u permezz tal-Kummissjoni Ewropea mill-2004**

Fid-dawl tal-pożizzjoni kritika tal-ħażniet tat-tonn, l-ICCAT ipproduċa Pjan ta' Rkupru tat-Tonn matul il-laqgħa ġenerali tagħha tal-2006 li saret f'Dubrovnik, il-Kroazja. Sabiex jerġa' jinbena l-istokk, il-Pjan ta' Rkupru ICCAT ipprovda tnaqqis ta' livell fil-qabda totali permessa sal-2010 flimkien ma' miżuri oħra. Matul il-Laqgħa Speċjali 16 tal-ICCAT miżmuma fil-Marrakech, il-Marokk, dan il-qbid totali permissibbli ġie rivedut u mnaqqas aktar wara l-parir SCRS (Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika) li l-ħażniet tat-tonn kienu għadhom f'sitwazzjoni kritika. Aktar tnaqqis fil-qabda totali permissibbli twettqu matul il-Laqgħa Annwali tal-ICCAT li saret f'Recife, il-Brażil f'Novembru 2009.

Fl-2012, il-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika mexxa aġġornament tal-valutazzjoni tal-2010 tal-istokk tat-tonn. Ir-riżultati wrew li l-miżuri riċenti implimentati kellhom effett pożittiv fuq l-istokk tat-tonn.

Madankollu kellha tkun id-19-ilLaqgħa Speċjali tal-Kummissjoni f'Ġenova, l-Italja li saret f'Novembru 2014 li l-Partijiet Kontraenti tal-ICCAT qablu dwar żieda fil-kwota tal-BFT (tonn tax-xewka kaħla) fuq perjodu ta' tliet snin.

L-awtoritajiet Maltin dejjem insistew li l-pjan ta' rkupru jkun konformi mal-parir xjentifiku mogħti u kienu favur iż-żieda fil-kwota hekk kif reċentament il-parir xjentifiku wera sinjali pożittivi ta' rkupru.

Ir-riżultati pożittivi tal-pjan ta' rkupru huwa riżultat tax-xogħol iebes u sagrifiċċji magħmula mis-sajjieda fil-Mediterran, inklużi s-sajjieda Maltin, biex jirrispettaw ir-restrizzjonijiet u l-miżuri mqiegħda mill-ICCAT biex jiġi żgurat l-irkupru tat-tonn.

Is-sajjieda professjonali Maltin se jkunu qed jibbenefikaw minn din iż-żieda fil-kwota sa mill-istaġun tal-2015.



# Iż-żabra tad-dwieli għall-inbid

Hekk kif joqorbu l-aktar xhur kesħin tas-sena, jasal ukoll żmien iż-żabra li huwa wieħed mill-iktar xogħlijiet impenjattivi fl-oqsma tad-dwieli. F'dan l-artiklu sejrin nagħtu ħarsa lejn l-importanza u l-għanijiet li jridu jintlaħqu permezz ta' din l-operazzjoni

### Għala ssir iż-żabra?

L-għan prinċipali taż-żabra huwa li jagħti forma lid-dielja, li fin-natura tagħha hija pjanta xeblieka. Jekk titħalla għal rajha din tinferex u tikber bla kontrol bil-konsegwenza li tixjieħ qabel iż-żmien u tnaqqas bil-kbir il-produzzjoni tal-frott. Biż-żabra nagħżlu kemm n-numru kif ukoll liema għejjun nixtiequ nħallu biex innaqsu n-numru tal-għenieqed u nżidu il-kwalita' u noħolqu proporzjon bejn faxxina u frott. Dan il-proporzjon għandu jinżamm ukoll permezz tal-irmundar (żabra tal-faxxina) li jibda għall-ħabta ta' Mejju/ Ġunju biex b'hekk il-frott li jkun qed jifforma matul is-Sajf jieħu biżżejjed xemx biex jimmatura imma fl-istess ħin ma jixxawwatx minn espożissjoni żejda. Billi nikkontrollaw il-faxxina inkunu qed indaħħlu iktar arja fil-qalba tas-siġra u b'hekk innaqsu ukoll ir-riskju tal-mard tal-moffa.

### Għala ż-żabra ssir fix-Xitwa?

Id-dielja hija siġra ħorfija, jiġifieri twaqqa' il-weraq fix-Xitwa. Matul dan iż-żmien il-metaboliżmu tagħha jkun baxx. Żabra bikrija tista' tkun ta' ħsara għax jekk tibqa s-sħana s-siġra terġa tarmi rimi' ġdid li jerġa jaqa' kif tidħol il-kesħa. Mil-banda l-oħra żabra mwaħħra, jiġifieri kif jerġa jibda jisħon it-temp wara x-Xitwa, tista' tkun ta' dannu peress li fejn isiru il-qatgħat jibqa' jdemma l-ilma. Dan jiġri peress li l-metaboliżmu tal-pjanta jerġa' jibda jiżdied u terġa' tibda ttella l-ilma u z-zokkor lejn il-weraq li jkunu se jibdew jiffurmaw fuq l-għejun. Dan l-ilma jnaqqas mil-kapacita' li l-ġerħa tal-qatgħa tagħlaq malajr bil-konsegwenza li jista' jidħol il-mard. Hawn ta' min wieħed jagħmel punt li l-qatgħat għandhom isiru ftit il-fuq mil-aħħar għajn li ser inħallu biex b'hekk l-aħħar għajn ikollha biżżejjed ilma sakemm tagħlaq il-ġerħa u din ma tinxifx.

### Għaliex l-importanza tal-indafa fl-għodda?

L-indafa hija importanti jekk wieħed irid ibiegħed il-mard minn fuq is-siġar tiegħu. Bla ma nafu fuq l-għodod li nużaw insibu mikrobi u spori ta mard li jistgħu jkunu ta' dannu. Qabel nibdew iż-żabra għandna dejjem naħslu l-għodda jew bis-surgical spirit jew soluzzjoni ta' ilma u bleach. Tajjeb li wieħed kultant ħin jerġa jaħsel l-għodda speċjalment jekk jinnota li xi siġra partikolari jista' jkun fiha il-mard.

### X'sistemi taż-żbir jintużaw f'Malta?

F'Malta l-iktar żewġ sistemi komuni li jintużaw huma il-guyot u l-cordone speronato. Il-guyot hija s-sistema li kienet tintuża minn dejjem fuq il-varjetajiet tad-dwieli antiki ta' Malta, il-Ġellewża u l-Girgentina. Bis-sistema guyot jew kif inhi magħrufa l-aktar,bħala difer u żarġun, li tintuża l-aktar fuq dwieli fl-art jiġifieri mingħajr spalliera. Hawn nagħżlu żarġun jew tnejn, fuq difer jew idfra li ħallejna s-sena ta' qabel għall-frott. Iż-żarġun għandu jkun twil bejn ħames u tminn egħjun peress li f'dawn il-varjetajiet il-

frott ma joħroġx fuq l-ewwel egħjun imma lejn l-aħħar taż-żargun. Wara irridu nagħżlu difer jew tnejn ieħor li ser iġorru ż-żarġun tal-frott tas-sena ta' wara. Wara li nkunu għażilna ż-żraġen u l-idfra nneħħu il-bqija taż-żraġen li jifdal. Dejjem nagħżlu żraġen u idfra l-aktar b'saħħithom u mferxin fuq id-dielja kollha biex meta tarmi il-faxxina ma tkunx fuq xulxin. Is-sistema l-oħra li iddaħħlet Malta riċentament hija il-cordone speronato jew kif inhi magħrufa aktar fuq il-wires jew spallieri. Hawn nagħżlu l-għejjun għall-produzzjoni tal-frott ta' l-istess sena billi nħallu bejn tlieta jew erbgħa idfra ta' żewġ jew tlett għejjun biss. Dan huwa possibli għaliex il-varjetajiet tad-dwieli li jintużaw għal inbid għandhom dik li tissejjaħ fertilita` basali, jiġifieri il-frott kapaċi jagħmluh fuq l-ewwel għejjun taż-żarġun. Għan ieħor huwa li peress li jitnaqqas n-numru ta' għejjun tonqos ukoll il-kwantita' tal-frott u tiżdied il-kwalita` fosthom il-livell taz-zokkor fl-għeneb kif ukoll karatteristiċi oħra bħal kulur li għandna bżonnhom għall-produzzjoni ta' inbid ta' kwalità.

L-aħħar punt li xtaqt inwassal hija l-importanza li wieħed juża għodda li taqta' biex il-qatgħat jiġu lixxi kemm jista' jkun u jevita kemm jista' jkun qatgħat fuq zkuk li jkollhom iktar minn sentejn. Dan jgħin lil pjanta biex tfejjaq il-qatgħat malajr. Jekk ikollna għal xi raġuni nintervjenu b'qatgħat eħxen tajjeb li jiżbogħ dawn il-feriti b'żebgħa apposta.





# Ir-Riħan

Alden Grima

Ir-riħan huwa arbuxell indiġenu ta' Malta. Dan jixduh iż-żewġ postijiet imsemmijin għalih li nsibu f'Malta, Għajn Riħana bejn il-Mosta u Burmarrad u l-ieħor f'Għawdex, Wied Riħan fil-limiti tan-Nadur. L-isem xjentifiku huwa Myrtus communis u jagħmel parti mill-familja tal-Myrtaceae. Ir-riħan iħaddar is-sena kollha u jikber sa ħames metri għoli imma f'pajjiżna huwa rari li jilħaq dan id-daqs u jibqa' f'għamla ta' arbuxell. Jikber b'mod naturali fil-makkja madwar il-Mediterran kollu u ddaħħal f'pajjiżi oħra mill-bniedem biex jintuża bħala borduri fil-ġonna peress li joqgħod ħafna għaż-żabra spissa. Il-werqa għandha forma ta' lanza u fiha riħa aromatika. Iwarrad fir-rebbiegħa u l-fjuri bojod għandhom għamla ta' stilla fuq ħames petali u għadd ġmielu ta' stami. Jiddakkar permezz tal-insetti u jagħmel frotta ċkejkna kaħla skura li ssir għall-ħabta ta' Diċembru. Ta' min wieħed jgħid illi l-frotta għalkemm żgħira u fiha ħafna żerriegħa, hija tajba għall-ikel. Tiġbed lejha l-għasafar tal-passa fix-xitwa li jieklu l-frott tagħha u jxerrdu ż-żerriegħa. Fil-gżejjer ġirien ta' Sardinja u Korsika fejn tikber b'mod abbundanti tintuża biex issir xarba alkoħolika li tissejjaħ Mirto. Hemm żewġ verżjonijiet, waħda ħamra li ssir mill-frotta u oħra bajda li ssir bil-weraq. Kemm il-frott kif ukoll il-weraq jitħalla fl-alkoħol għal ftit żmien u wara li jissaffa jiġi miżjud b'taħlita ta' ilma u zokkor jew għasel. Titkattar permezz taż-żerrriegħa li tinġabar friska fil-frott għall-ħabta ta' Jannar, titnaddaf mill-frotta u titqiegħed fil-friġġ għal tliet ġimgħat. Wara tinżergħa waħda waħda fi qsari ftit millimetri taħt il-ħamrija. Iż-żerriegħa għandha tinbet f'inqas minn xahar. Fil-kultura Rumana tal-qedem, il-pjanta tar-riħan kienet importanti ħafna u kienet titħawwel fil-ġonna tas-sinjuri. Wisq probabbli li kienu huma l-ewwel li xerrdu dawn il-pjanti mal-Imperu kollu, anke fejn ma kinitx tikber b'mod naturali.



Ramona Borg

# L-irkotta

Ħafna jassoċjaw l-irkotta mal-qaleb blu għand tal-merċa. Niftakarni tifla żgħira, ommi kienet tibgħatni nixtri kwart m'għand ta' ħdejna biex tagħmel xi borma kusksu tal-ful jew soppa tal-armla. Niftakarha tal-ħanut kienet toħroġ il-qaleb mil-vetrina tal-ħġieġ tal-ġobon u l-perżut u tikxef l-irkotta li ħafna drabi kienet tkun mgħottija b'xi borża tal-plastik biex ma tinxifx u tisfar. Teqleb il-qaleb ta' taħt fuq, toħroġ sikkina kbira minn taħt il-bank u tixħet biċċa karta strazza fuq il-keffa tal-miżien u tibda taqta' u titfa' fuq il-miżien sakemm il-minutiera tal-miżien tasal sa fuq il-piż li nkun tlabtha. Imbagħad kienet tqartas il-karta strazza u tnewwilhieli minn wara l-bank.

Biex turini il-proċess ta' kif issir l-irkotta tradizzjonali tlajt iż-Żurrieq għand Feliċ u Karmni. Karmni qaltli li hija tgħalmet kif tagħmel l-irkotta mingħand Maria omm Feliċ, il-kunjata tagħha, li llum tgħodd it-tnejn u disgħin sena. Maria għalkemm mimlija bl-għomor irrakontatli kif minn eta' żgħira, missierha kien jarmalha ż-żiemel fil-karettun u terħilha kuljum miż-Żurrieq għal Bengħisa biex tixtri l-ħalib. Il-qies li kien jintuża biex jitkejjel il-ħalib kien jissejjaħ kartoċċ, li kien ikun forma ta' bott u maqbad magħmul mil-landa.

Kif tasal lura missierha kien ikebbes il-fuklari bil-lest biex tibda l-irkotta. Feliċ spjegalna kif fl-antik l-irkotta kienet issir ġo borma kbira tissejjaħ inħasa. L-inħasa kienet tkun magħmula mir-ram u minn ġewwa miksija tilja irqiqa stan. Maria qalti li ġieli kellha tieħu ħsieb żewġ inħasi ħalib, waħda fuq kull id u peress li kienet għadha żgħira biex tlaħħaq magħhom, kienet titla fuq banketta. Irrakuntatli b'nofs daħka li missierha kien jibża jħalli lillha u l-ħutha waħedhom ma' l-inħasi għax kien jibża' li jaqagħlu fihom. Il-ħalib kien jitħallat ma' l-ilma baħar, kull ħames partijiet ħalib ma' waħda ilma baħar kif ukoll ftit dqiq u jitpoġġa fuq in-nar. Biex il-ħalib ma jaqbadx mal qiegħ u jinħaraq kienu jħawduh bil-mod il-ħin kollu għal nofs siegħa. Biex jitħawwad il-ħalib kienu jużaw il-ħarrieka li kienet magħmula minn biċċa zokk li fit-tarf tiegħu kienu jorbtu ftit weraq tal-palm niexef.

Kif il-ħalib jibda jobrom, jiġifieri jibdew telgħin il-biċċiet tal-baqta fil-wiċċ it-taħwid jieqaf għax inkella titkisser il-baqta li tkun bdiet tifforma. Wara xi siegħa u nofs oħra fuq in-nar il-baqta tkun inqatgħet kollha u





tibda tintrefa bl-ixkumatur għal ġol qwieleb. Il-qwieleb kienu jkunu magħmulin mil-qasab. Dawn wara kienu jitpoġġew fuq il-magħsra biex joqtru mix-xorrox li jkun fadal. Kif joqtru sewwa l-irkotta tkun lesta u titpoġġa bil-bxiekel kbar lesta biex tinbiegħ. Feliċ qalli li l-bxiekel kienu jkunu magħmula jew mil-qasab jew miż-żraġen tad-dwieli. Maria irrakontatli li miż-Żurrieq kienu jitilgħu tas-Sliema u Raħal Ġdid ibiegħu l-irkotta. Qaltli li l-bixkilla kienet tkun ikbar minnha u kienet iżżommha taħt abtha u isserraħha fuq ġenbejha filwaqt li oħtha l-kbira kienet tgeżwer kawwara biċ-ċraret u terfagħha fuq rasha.

Illum il-ġurnata għalkemm Karmni qed iżomm ħajja din it-tradizzjoni antika, li sfortunatament qed tintilef, il-proċess ġie addattat għal bżonnijiet iġeniċi tal-llum. L-inħasi tar-ram u l-ħarrieka tal-weraq ma għadhomx jintużaw imma jinżammu biss bħala rikordju sabiħ tal-imgħoddi. Illum flok l-inħasa tintuża borma kbira ta' l-istainless steel li Maria tippreferi issaħħanha permezz ta' banju marija minflok b'nar dirett. B'hekk iċ-ċans li il-ħalib jaqbad mal-borma jew jinħaraq ikun minimu. Minflokk il-ħarrieka, tintuża linfa tal-metal u minflok il-qwieleb tal-qasab illum jintużaw qwieleb tal-plastik li jistgħu faċilment jinħaslu bil-misħun.

Feliċ u Karmni huma waħda mil-ftit ħoloq li fadlilna li jgħaqqduna mal-imgħoddi tal-ħajja rurali tagħna. Huwa eżempju ħaj ta' kif it-tradizzjonijiet tagħna naddattawhom għall-ħajja tal-llum mingħajr ma nitilfu xejn minhom. Hija ħasra li l-għerf li jgħaddulna missirijietna jintilef. Nittamaw biss illi bħalma Karmni qed iżżomm ħajja din t-tradizzjoni ikun hawn oħrajn li jitħajru jagħmlu l-irkotta d-dar biex inżommu ħajja din is-sengħa.


# Birgu Farmers Market
## Fil-grawnd tal-Fortini

- Kull nhar ta' Sibt mis-sitta ta' filgħodu 'l quddiem
- Issibu ħaxix u frott frisk lokali
- Parking mhux problema.





# Il-Ponsjetta u l-Milied

Pjanta li isimha hu sinonimu mal-Milied hija l-ponsjetta. L-isem xjentifiku tagħha huwa Euphorbia pulcherrima u tikber b'mod naturali fil-Messiku u l-Amerika Ċentrali. L-assoċjazzjoni tagħha mal-Milied huwa maħsub li bdiet fis-seklu sittax fil-Messiku. Leġġenda ħelwa tirrakkonta kif tfajla żgħira ma kelliex flus biżżejjed biex tixtri rigal xieraq għal Ġesu Bambin. Ispirata minn dehra t' anġlu, ġabret ftit ħaxix selvaġġ mil-ġenb tat-triq u ħaditu quddiem l-altar tal-knisja. Jingħad li b'miraklu mil-ħaxix ħarġu l-fjuri ħomor tal-ponsjetta. Fis-seklu sbatax 'il quddiem il-patrijiet Franġiskani fil-Messiku bdew jużaw il-ponsjetta bħala tiżjin għal Milied. Din id-drawwa nfirxet ukoll fl-Amerka ta' Fuq u wara fl-Ewropa.

## Il-kultivazzjoni tal-Ponsjetta

Qabel ma' din bdiet tiġi imkabbra b'mod kummerċjali il-ponsjetta kienet arbuxxell li kienet titkabbar fil-ġonna biss u kienet kbira wisq biex tinżamm ġod-dar biex titgawda f'dan iż-żmien. Barra minn hekk kien ukoll diffiċli biex il-pjanta żżomm il-weraq u l-fjuri tagħha ġewwa. Iżda llum il-ġurnata ġew żviluppati varjetajiet ġodda li jibqgħu iktar baxxi fid-daqs, aktar folti fil-weraq, isbaħ fil-kulur u għamla tal-weraq kif ukoll inqas delikati biex jitkabbru ġewwa għalinqas għal perjodu qasir taż-żmien. Barra minn hekk illum insibu varjetajiet li minflok weraq ħomor jagħmlu weraq bajdani. Hawn ta' min jagħmel punt li l-parti kkulurita ħamra jew bajda m' hijiex fjura vera imma weraq ikkulurit. Fil-botanija dawn jissejħu bracts li huma weraq speċjalizzati li ħafna drabi jkunu qrib il-fjuri u l-funzjoni tagħhom hija li jiġbdu l-attenzjoni ta' insetti tad-dakra. F'ħafna każi bħal ma huwa fil-każ tal-ponsjetta l-fjura tkun żgħira ħafna. Infatti l-fjuri vera tal-ponsjetta huma dawk il-boċċi ta' lewn isfar li naraw f'ras il-fjura.

Il-pjanti li nsibu nixtru fil-parti l-kbira tagħhom ikunu mkabbra fis-serer f'Malta. Dawn jinxtraw bħala potted cuttings minn ċentri speċjalizzati barra minn Malta għall-ħabta t' Awwissu. Dawn jaslu f'tilari li wara jiġu mħawwla ġo qsari ikbar. Meta wieħed jara li l-pjanta bdiet ġejja 'il quddiem din tinżabar billi jitneħħa iz-zokk tan-nofs. Dan isir biex il-pjanta tifrex aktar iz-zkuk u tidher aktar folta.Peress li l-jum jibda jiqsar għal bidu ta' Novembru il-weraq ta' fuq nett jibdew jieħdu il-kulur ub'hekk il-prodott ikun lest biex jitpoġġa fis-suq.

## Kura tal-ponsjetta

Meta nixtru jew naqilgħu xi ponsjetta għad-dar, wieħed għandu jiħu ħsiebha sabiex din il-pjanta ntawlulha ħajjitha u bi ftit attenzjoni nistgħu ngħixuha minn sena għal oħra. L-ambjent idejali għall-ponsjetta hu f'post imdawwal imma mhux f'xemx diretta. Rigward lt-tisqija għandha tingħata biss meta jkun se jibda jinxef il-kompost. Fil-fatt aħjar inqas milli iktar għax jekk tistaġġdar twaqqa l-weraq. Huma ħafna li jsaqsu kif jista' wieħed iżomm ponsjetta minn sena għal l-oħra. Dan mhux dejjem ikun possibbli, imma hemm metodi kif wieħed jista' jipprova. Meta jkunu waqgħu l-weraq, niżbru l-friegħi u nħall l-aktar erbgħa b'saħħithom xi żewġ pulzieri għoli miz-zokk prinċipali. Tajjeb li l-qatgħat nagħmluhom ftit il-fuq mill-aħħar għajn biex din ta' l-aħħar ma tinxifx. Il-kompost għandu jinżamm kważi niexef u l-pjanta npoġġuha f' post delli. Tajjeb ukoll li nkabbru il-qasrija u nżidu kompost ġdid. Għall-aħħar ta' Marzu, bidu t'April nibdew insaqqu, u nkomplu nsaqqu sa ma naraw ir-rimi ġdid tiela'. F'dan iż-żmien huwa ta' għajnuna jekk nagħtu xi sustanzi, biex ngħinu l-pjanta tikber.



*Dawn huma l-ponsejtti li tkabbru l-Għammieri*



# Qagħaq tal-Għasel

Għalkemm illum issib tixtrihom is-sena kollha, il-qagħaq tal-għasel huma marbuta ma' żmien il-Milied. B'differenza għal ħelu ieħor li jiġi ppreparat għal dawn il-festi, bħal mince pies, kejk tal-frott u l-Christmas log, li adottajniehom matul il-ħakma Ingliża, il-qagħaq tal-għasel huma tradizzjonalment Maltin.

Huma qagħaq magħmula minn għaġina ħelwa mimlija bil-qastanija, li hija taħlita ta' treacle u ħwawar. Wisq probabbli l-kelma qastanija ġejja mil-lewn tagħha. Għalkemm jissejħu qagħaq tal-għasel, illum il-qastanija ma issirx mill-għasel tan-naħal imma minn għasel iswed (treacle) illi huwa prodott tal-proċess tar-raffinar taz-zokkor abjad. Qabel il-wasla ta' dan il-prodott f'pajjiżna, il-qastanija kienet issir mill-għasel tan-naħal. Mikiel Anton Vassalli fil-Lexicon mitbugħ fl-1796 jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-qastanija bħala mili magħmul minn għasel, smid u ħwawar li wara li jiġi msajjar jintuża biex bih jimtlew il-qagħaq tal-Milied. Ġewwa Sqallija jsir ħelu tradizzjonali simili ħafna għall-qagħaq tal-għasel li jissejjaħ Cuddureddi, li l-mili tiegħu jsir mill-għasel tan-naħal u li tagħha qed nipproponu r-riċetta. Il-proċess huwa eżatt l-istess, biss fil-mili minflok *treacle* u zokkor jintuża biss l-għasel.

## Metodu

**Temperatura tal-forn:** 200°C/400°F, Gas Mark 6.

### L-GĦAĠINA

**Ingredjenti**
- 1000gr dqiq
- 150gr zokkor
- 250gr butir
- Ftit vanilla
- Meraq ta' tliet larinġiet
- Qoxra tal-lumija
- Niskata melħ

**Metodu**
Ħaddem flimkien id-dqiq u l-butir sakemm it-taħlita tiġi tixbaħ lill-frak tal-ħobż. Żid iz-zokkor, vanilla, qoxra tal-lumija u niskata melħ.

### IL-QASTANIJA TAL-GĦASEL ISWED

**Ingredjenti**
- 800gr għasel iswed (*treacle*)
- 800gr ilma
- 300gr zokkor
- 500gr smid
- Ftit ilma żahar
- Niskata ħlewwa
- Ponta ta' kuċċarina msiemer tal-qronfol
- Qoxra maħkuka ta' lumija, larinġa u mandolina
- Jekk trid tista' żżid ukoll konfettura u/jew lewż

**Metodu**
Ħallat flimkien l-ingredjenti kollha minbarra s-smid. Poġġihom ġo kazzola. Poġġiha fuq in-nar u ħalliha tiftaħ tagħli bil-mod. Niżżel il-borma minn fuq in-nar, żid is-smid filwaqt li tħawwad il-ħin kollu. Erġa' poġġi l-borma fuq in-nar u ħawwad sakemm it-taħlita tagħqad.

### QASTANIJA TAL-GĦASEL TAN-NAĦAL

**Ingredjenti**
- 500gr għasel tan-naħal
- 200gr smid
- 100gr lewż mitħun
- Tazza ilma

**Metodu**
Ġo kazzola ħallat flimkien l-għasel u l-ilma u sajjar sakemm jiftaħ jagħli. Żid bil-mod is-smid u ibqa' ħawwad sakemm jagħqad sewwa. Wara żid il-lewż mitħun u ħawwad sewwa.

### METODU TA' KIF ISIRU IL-QAGĦAQ

Ħalli t-taħlita tiksaħ. Ixgħel il-forn u iftaħ l-għaġina fi strixxi twal 5 ċm wiesgħa bi 30 ċm tul. F'nofs l-għaġina poġġi ftit mill-mili. Ippinzella t-trufijiet biex tifforma ċirku. F'intervalli ta' 6 ċm agħti daqqiet żgħar bis-sikkina fuq l-għaġina. Il-qagħaq poġġihom fuq pjanċa tal-forn li fuqha tkun tfajt ftit smid, ħallihom joqogħdu għal sagħtejn u aħmi f'forn li jkollu temperatura għolja sakemm jieħdu lewn kannella dehbi (madwar nofs siegħa). Oħroġhom mill-forn u ħallihom jiksħu.



# Ir-responsabbiltajiet ta' meta jkollok annimal domestiku

Kif ħafna nies jafu l-annimali kienu, u ser jibqgħu, ħlejjaq ta' valur kbir għall-bniedem. Mhux ta' b'xejn li fl-antik kull raħħal li kien ikollu ħafna annimali, bħall-dawk kollha tal-irziezet ngħidu aħna baqar, barrini, nagħaġ, mogħoż u oħrajn, kien ikun meqjus bħala sinjur



**Emanuel Buhagiar**
Kummissarju l-Ġdid għat-Trattament Xieraq tal-Annimali

It-trattament xieraq tal-annimali jdur ma dawk imsejjħa l-ħames libertajiet tal-annimali, jiġifieri jekk wieħed ikun qed jaqbel li jżomm għandu xi annimali dan għandu jqis u għandu wkoll l-obbligu bl-imsemmija liġi li jara li dawn jiġu mħarsa. Tajjeb li nispjegawhom ftit, biex wieħed ikun infurmat sewwa, u dan għandu jagħmel ħiltu sabiex jekk ikun il-każ dejjem jirranġa għall-aħjar sabiex l-annimali ma jinħaqrux.

1. kull annimal għandu jkollu, aċċessibbli, ilma frisk u ikel tajjeb biex saħħtu tkun mantnuta tajjeb.
2. Kull annimal għandu jkollu dak il-post addattat fejn jistrieħ u jistkenn mill-elementi naturali tat-temp kemm minn dik il-kesħa tax-xitwa u s-sħana qalila tax-xemx.
3. Kull annimal għandu jiġi eżaminat għall-xi mard minn veterinarju u jiġi kkurat għall-dak il-mard bit-trattamenti li jkun hemm bżonn.
4. Kull annimal għandu jkollu dak l-ispazju biżżejjed fejn ikun qiegħed u li jagħti lok sabiex l-annimal ikun jista' jesprimi l-imġiba normali tiegħu. Kull annimal għandu jkun żgurat li jinżamm f'kundizzjonijiet xierqa li ma jsofrix dwejjaq mingħajr bżonn u li ma jkunx sejjer isofri ħsara mentali.

Jekk wieħed jinnota dawn il-bżonnijiet imsemmija, jgħoddu ukoll għalina l-bnedmin, taħt forom oħra, u għalhekk illum l-għarfien tal-annimali hija dik senzjenti, (sentient being) għax l-annimali jħossu, jinkwetaw, għandhom bżonn jitħalltu m'annimali u nies, bżonn il-kura, ikel u ħafna aktar bżonnijiet. Li wieħed iqis lill-annimal bħala oġġett, daqs li kieku mar xtara siġġu minn għand tal-ħanut, dan ikun qed jiżbalja bil-kbir, u jkun aħjar li ma jrabbix annimali jekk għandu din it-tip t' attitudni.

Il-moħqrija tal-annimali hija ta' min jistmerra u għalhekk hija kkundannata mill-maġġoranza tal-popli tad-dinja u tal-qrati, bl-liġijiet, u bil-pieni tagħhom dejjem jiħraxu.

F'Malta għandna dipartiment sħiħ imwaqqaf b'liġijiet favur it-Trattament Xieraq tal- Annimali u li fiħ jaħdmu diversi nies u Veterinarji, flimkien ma' uffiċċjali għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, li dawn xogħolhom huwa propju li jkunu ta' tarka għall-dawn l-annimali li ma jitkellmux.

Li wieħed jieħu ħsieb l-annimali tiegħu u jara li jkunu miżmumin mill-aħjar huwa sodisfazzjon u obbligu bil-liġi, imma m'għandniex

nieqfu hawn. Għandna wkoll nirrapportaw kull moħqrija li naraw qegħda ssir fuq xi annimali billi nċemplu fuq telfon numru 1717 lid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jew għall-Ambulanza tal-Annimal fuq l-istess numru, li din taħdem erba u għoxrin siegħa kuljum.

Li wieħed jirrapporta abbużi fuq annimali lid-Direttoratt jew lill-Pulizija hija wkoll forma ta' mħabba lejn dawn il-ħlejjaq. M'għandix għalfejn ngħid wisq fuq kemm per eżempju l-kelb iħobb lil sidu, għax dawn huma fatti magħrufa minn kulħadd. F'pajjiżna nsibu kliniċi veterinarji tista tgħid f'kull raħal, fejn ukoll hemm is-servizz li tista ssib veterinarju kull ħin tal-ġurnata. Għalhekk mhijiex skuża, li hawn xi bogħod biex tmur tikkura l-annimal tiegħek li jkun marid.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, huwa wisq importanti li nedukaw lit-tfal tagħna dwar dawn l-affarijiet qabel ma niddeċiedu li nixtrulhom xi annimal bħala *pet*. Dan qed ngħidu għax dan mhux rigal daqslikieku kien xi ġugarell tal-logħob; Dan hu annimal ħaj u jġib miegħu dawk r-responsabbiltajjiet kollha li semmejt.

# Jissewwew 700 kelb u qattus tat-triq

## Tintemm b'suċċess it-tielet *Neutering Campaign* imnedija mill-Gvern

700 kelb u qattus tat-triq ġew imsewwija f'ġimagħtejn waqt kampanja li nieda s-Segretarjat Parlamentari favur id-Drittijiet tal-Annimali, bħala waħda mill-miżuri biex jikkontrolla l-popolazzjoni tal-annimali tat-triq.

Dan qalu s-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes f'konferenza tal-aħbarijiet, hekk kif illum intemmet it-tielet *Neutering Campaign* li l-Gvern għamel b'kollaborazzjoni mal-NGO Ġermaniża ETN.

Fiż-żewġ kampanji ta' qabel, li wkoll saru bil-kollaborazzjoni mal-ETN, issewwew total ta' elf annimal ieħor. B'hekk fi 18-il xahar issewwew total ta' 1,700 annimal.

L-Onorevoli Galdes irrimarka kif dawn it-tliet kampanji ma ġew jiswew xejn lill-Gvern grazzi għall-ftehim li ntlaħaq. Dan b'kuntrast ma' kampanja oħra li kienet saret taħt l-amministrazzjoni Nazzjonalista, li kienet ġiet tiswa €175,000.

Hu rringrazzja lil numru ta' feeders kemm tad-dedikazzjoni tagħhom biex jitimgħu l-qtates tat-triq, kif ukoll tas-sehem tagħhom f'din il-kampanja li bla ebda dubju kienet ta' suċċess.

Is-Segretarju Parlamentari temm jgħid li diġà bdew diskussjonijiet biex fil-futur qrib issir kampanja ta' *neutering* f'Għawdex.

*Ritratt: DOI*




*Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes waqt il-konferenza tal-aħbarijiet*

Joseph Borg

# L-Almanakk tal-ġardinar

## X'nistgħu nagħmlu fl-istaġun tax-Xitwa

### Siġar

- **Ċitru** - Nagħtu fertilizzant ibbażat fuq in-nitroġenu ħalli jgħin fir-rimi l-ġdid. Nilqgħu kontra l-afidi u l-miskta.
- **Frott irqiq** - Żabra u bexx biex nilqgħu għal mard taz-zokk, mofof u bajd ta' insetti speċjalment ta' l-afidi. F'dan iż-żmien wieħed jista' jlaqqam dawn is-siġar bil-feles.
- **Dwieli** -żabra u bexx biex nilqgħu għal miskta.bajd tal-insetti u mofof. Anki d-dwieli jitlaqqmu bil-feles f'dan iż-żmien.

### Kura tal-qsari

- Nieħdu ħsieb il-bebbux u bugħarwien. Insaqqu biss skond il-bżonn u jekk għandna l-plattini taħt il-qsari inneħħu l-ilma żejjed wara x-xita jew inneħħuhom għal kollox.
- Nkabbru l-qasrija skond il-ħtieġa.

### Tnissil tal-pjanti

- **Bil-biċċa** - ward, fuxa, ġiżimin, *ivy* (liedna), tax- xema', *passiflora, dieffenbachia, acalypha, tradescantia, Scindapsus, gardenia, croton.*
- **Tifriq** - asparagus (tax-xuxa), *cyperus* (papiru), *sanseveria* (lsien in-nisa), felċi (inkluż it-tursin il-bir, *anthurium, chlorophytum* (rampila), *spathiphyllum, galetti,* belladonna u aspidistra.
- **Tirqid** - *(layering) hoya,* ġiżimin, liedna, *monstera, philodendron, ficus, tal-passjoni, senecio, rampila, stephanotis.*
- **żerriegħa** - pittosporum, scefflera, ċiklamina.

### Bexx u kontroli ta' mard

- **ċitru** - insettiċida kontra miskta taċ-ċitru u liċerja
- **Ħaxix tal-borma** - insettiċida kontra insetti diversi u dud tal-ħamrija, funġiċida kontra mard tal-moffa, nikkontrollaw il-bebbux u bugħarwien.
- **Patata** - erbiċida kontra l-ħaxix selvaġġ qabel mal-patata tinbet, funġiċida biex tilqa' jew tfejjaq mard tal-ġlata u mard ieħor, insettiċida kontra l-buħarrat fejn jaħkem.
- **Tadam tas-serra u tal-qasab** - insettiċida kontra l-*whitefly, leafminer* u insetti oħra, funġiċida kontra mard tal-moffa.
- **Frott irqiq** - funġiċida biex nilqgħu għall-kolla taz-zokk u brim tal-weraq, nilqgħu għall-mard tal-iswed fuq il-lanġas u t-tuffieħ, bajd ta' insetti u r-*red spider mite.*
- **Frawli** - mard tal-moffa u tbajja tal-weraq, mard tal-għeruq u taħsir tal-qalba, bebbux, bugħarwien, red spider mite u insetti oħra.

### Iżra fi ħmiemel jew f'tilari

- Dejjem għandhom jintużaw tilari nodfa u terriċċju ġdid biex nevitaw il-mard.
- Kaboċċi *(cabbage),* ġidra *(kohlrabi),* ħass *(lettuce),* pastard *(cauliflower),* brokkli *(broccoli),* selq *(swiss chard).*

### Taħwil fl-art

- *Kaboċċi* (cabbage), *ġidra* (kohlrabi), *ħass* (lettuce), *xalott* (shallot), *pastard* (cauliflower), *kurrat* (leek), *basal* (onion), *indivja* (endive), *brokkli* (broccoli) *u selq* (swiss chard).

### Ħwawar

- Kemm il-biċċiet kif ukoll iż-żrigħ irid isir f' terriċċju ġdid, li ma tantx iżomm ilma u jitpoġġew f'post kenni. Salvja *(sage)* bil-biċċa, sagħtar *(thyme)* bil-biċċa, klin *(rosemary)* bil-biċċa, ilwiża *(lemon verbena)* bil-biċċa, lavender(*lavendula*) bil-biċċa, nagħniegħ *(mint)* naqsmu l-għeruq, mustarda *(mustard)* żerriegħa, kosbor *{coriander)* żerriegħa, krafes *(celery)* żerriegħa merqtux *(sweet marjoram)* tirqid jew qsim, krafes *(celery)* żerriegħa.

### Iżra' dirett fl-art

- Ful *(broad beans),* piżelli (pea), spinaċi *(spinach),* artiċoks *(Jerusalem artichokes),* patata tas-Sajf (*potatoes*), ċiċri tal-qatta *(chickpeas),* karrotti *{carrots),* bużbież tal-ġidra *(fennel). kaboċċi* (cabbage) ġidra (kohlrabi), *ħass twil* (lettuce), *nevew* (garden turnip), *ravanell* (radish), *pastard* (cauliflower), *krafes* (celery), *pitravi* (garden beet) għazz *(lentil)* żerriegħa.



# Il-Pitirross *(Erithacus rubecula)*

**Alden Grima**

Għall-ħabta ta' Settembru, tibda l-passa tal-għasafar. Biex jeħilsu mill-kesħa kiefra tal-Ewropa jibdew vjaġġ twil lejn l-Afrika biex hemm jgħaddu x-xitwa. Fost l-għasafar komuni tal-passa nsibu l-pitirross li jiġi f'numri kbar skont is-snin. Mhuwiex għasfur grixti u spiss narawh fil-ġonna tad-djar u f'ċentri abitati. Iktar faċli tisma' t-tsektsika u l-għanja tiegħu milli tarah. Il-pitirross, li l-isem xjentifiku tiegħu huwa *Erithacus rubecula*, huwa għasfur ċkejken mill-familja tal-perrieċa. Twil erbatax-il ċentimetru u jiżen medja ta' sbatax-il gramma. Għandu sidru lewn il-laringa u żaqqu bajda, filwaqt li daharu u l-ġwienaħ huma kannella ħadrani. Il-frieħ sa sena jkunu kannellin b'ħafna tikek bojod u jinbidlu f'adulti qrib għeluq is-sena. Huwa stmat li l-pitirross jgħix sa erba' snin. Bħal ħafna għasafar oħra tal-passa jbejjet fl-Ewropa fejn jgħaddi s-sajf ġo ħofor u xquq tas-siġar, jew fil-baxx f'xi siġra żgħira. Il-bejta għandha għamla ta' tazza tonda. Itajjar żewġt ibtan fis-sena u kull boton ikun fih bejn erba' u sitt bajdiet bojod fil-kannella. L-għasfura toqgħod fuq il-bajd sakemm ifaqqsu għal erbatax-il jum u jieħdu ħmistax-il jum biex itajjru mill-bejta. Kif tbid it-tieni boton, ir-raġel jieħu ħsieb iżoqq il-frieħ. Huwa għasfur ħabib il-bidwi għax jiekol l-insetti u spiss tarah jaqbeż fuq ħamrija mqallba friska biex inaqqar insetti u ħniex li jkunu inkixfu u telgħu fil-wiċċ bil-ħart. Ġieli tarah ukoll jissiefaħ ma' xi siġra jipprova jaqbad xi insett fit-titjira. Fl-eqqel tax-xitwa ġieli tarah inaqqar xi frak tal-ħobż meta ikel ieħor jaqbad jonqos. Għalkemm żgħir huwa għasfur territorjali immens u spiss tarah jipprova jkeċċi għasafar u pitirrossi oħra mill-ħofra li jkun għamel tiegħu. Dari dan l-aġir kien spiss jiswielu l-ħelsien għax kien jinqabad biex jitrabba permezz tat-trabokka. Hawn ta' min jgħid illi l-pitirross huwa protett bil-liġi u t-teħid tiegħu huwa pprojbit. Leġġenda ħelwa tirrakkonta kif il-pitirross ħa l-kulur aħmar ta' sidru meta ċċappas bid-demm wara li b'munqaru pprova jneħħi l-kuruna tax-xewk minn ras il-Mulej. Nisimgħu bih ukoll f'ħafna stejjer u films tat-tfal u jissemma' wkoll f'ħafna poeżiji. Il-pitirross huwa assoċjat ħafna maż-żmien tal-Milied u saħansitra nsibuh fuq il-kartolini u fuq dekorazzjonijiet oħra.

**BEJGĦ TA' SIĠAR TAL-FROTT**

**Għal iżjed informazzjoni ċempel lit-Taqsima Frott u Ħxejjex, Direttorat tal-Agrikoltura**
**Tel: 21224030 jew 22924178**

Il-bejgħ isir mill-uffiċċju tal-Mixtla tal-Gvern, fir-Residenza tal-Anzjani San Vinċens de Paule, bejn is-7.30 u l-11.30 ta' filgħodu.



Hekk kif tibda sena skolastika ġdida bi pjaċir it-Taqsima Festi Rurali tibda tilqa' ammont kbir ta' studenti ġewwa l-Għammieri.





# Ħarġa edukattiva fl-Għammieri

Din it-Taqsima torganizza żjarat maħsuba għall-iskejjel. Il-mira ta' dawn iż-żjarat hija biex inqarrbu lill-istudenti lejn l-ambjent rurali. Illum il-ġurnata ftit għadek issib tfal li għadhom esposti għal dan it-tip ta' ambjent. Għaldaqstant dawn iż-żjarat huma meqjusa bħala opportunità għall-istudenti biex ikollhom din l-esperjenza.

Din iż-żjara hija mmirata għall-istudenti ta' bejn l-Ewwel u l-Ħames Sena tal-Iskola Primarja u tiffoka l-aktar fuq l-annimali li nsibu ġewwa l-Għammieri, annimali tar-razzett b'aċċenn partikolari għall-annimali tar-razzett li huma tipikament Maltin, bħall-gendus, il-mogħża Maltija, u t-tiġieġa Maltija. Barra minn hekk l-istudenti jieħdu gost ħafna jitgħallmu dwar annimali li nsibuhom barra minn Malta li wkoll huma meqjusin bħala annimali tar-razzett. Qed nitkellmu dwar il-llama, il-mogħoż nani, ix-*Shetland Ponies* u n-nagħma. Wara li jkunu raw u tgħallmu dwar l-annimali, l-istudenti jkunu jistgħu jistrieħu ftit u jieklu fil-post ta' rikreazzjoni armata apposta għalihom. Ta' min wieħed isemmi li l-istudenti u l-għalliema jingħataw materjal bħal *handouts* biex dak li jkunu tgħallmu matul il-ħarġa jkomplu jsostnuh fil-klassi jew id-dar.

Dawk l-iskejjel li jixtiequ jipparteċipaw għal xi waħda minn dawn iż-żjarat, jistgħu jagħmlu dan billi jċemplu lit-Taqsima Festi Rurali fuq in-numru 22924130 jew jibgħatu imejl fuq ghammieri@gov.mt

It-Taqsima Festi Rurali tixtieq tawgura l-Milied it-tajjeb lill-Maltin u l-Għawdxin kollha.





# Jum Dinji tal-Ikel 2014

Nhar il-Ħamis 16 ta' Ottubru ġewwa l-Għammieri, il-Marsa, it-Taqsima Festi Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima ġiet imtella' attività relatata mal-Jum Dinji tal-Ikel. Din is-sena għall-ewwel darba għamilna stedina lill-istudenti ta' kull età biex jagħtu s-sehem tagħhom għal din l-attività. L-istudenti pparteċipaw f'kompetizzjonijiet diversi li kienu jikkonsistu fi tliet kategoriji, fejn dawk tal-primjara kellhom jagħmlu esibizzjoni ta' tpinġija u/jew *crafts*, kompetizzjoni għall-aħjar *Essay / Logo* għall-studenti fl-iskejjel sekondarji kif ukoll kompetizzjoni ta' DVD li jitratta din it-tema mill-istudenti tal-MCAST.

Fil-ġurnata, l-istudenti kienu kollha mistiedna jattendu għal din l-attività fejn kien hemm esibiti wirja tat-tpinġija, *essays* u *logo* mill-istudenti, tqassim ta' ċertifikati u premjijiet mogħtija lil min ħa sehem li ġew imqassma mill-Onorevoli Roderick Galdes, *launch* tad-DVD rebbieħ, kif ukoll esibizzjoni ta' ħxejjex u frott, bhejjem u prodotti relatati mal-ikel. It-tfal kellhom iċ-ċans ukoll iduru u jaraw l-annimali li għandna ġewwa l-Għammieri.